Parlament Ewropew
2019-2024

Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi

2020/2017(INI)

21.4.2020

ABBOZZ TA' OPINJONI

tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi

għall-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni

dwar l-intelliġenza artifiċjali fl-edukazzjoni, fil-kultura u fis-settur awdjoviżiv
(2020/2017(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Maria da Graça Carvalho

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi jistieden lill-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

A. billi l-ugwaljanza bejn is-sessi hija prinċipju ċentrali tal-Unjoni Ewropea li huwa minqux fit-Trattati u li għandu jiġi rifless fil-politiki kollha tal-UE, mhux l-anqas fl-edukazzjoni, fil-kultura u fl-awdjoviżiv;

B. billi d-disparitajiet u d-diskriminazzjoni bejn is-sessi ġew riprodotti permezz tad-disinn, l-input u l-użu ta' sistemi tal-intelliġenza artifiċjali (IA); billi settijiet ta' data mhux kompluti u preġudizzju żbaljat jistgħu jgħawġu r-razzjonalità ta' sistema tal-IA u jipperikolaw l-ugwaljanza bejn is-sessi fis-soċjetà;

C. billi d-disparitajiet bejn is-sessi jinħolqu wkoll u jiġu replikati permezz tal-lingwa u l-immaġni mxerrda mill-midja u mill-applikazzjonijiet li jaħdmu bl-IA; billi l-edukazzjoni, il-programmi kulturali u l-kontenut awdjoviżiv huma għodda fundamentali għall-ġlieda kontra l-istereotipi tas-sessi;

D. billi n-nisa huma sottorappreżentati b'mod sinifikanti fis-setturi tal-IA, jew bħala awturi ta' ħidma kreattiva jew bħala konsumaturi; billi l-potenzjal sħiħ tal-ħiliet, l-għarfien u l-kwalifiki tan-nisa fl-oqsma diġitali, tal-IA u tal-ICT (teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni) jista' jikkontribwixxi biex tingħata spinta lill-ekonomija Ewropea; billi globalment 22 % biss tal-professjonisti tal-IA huma nisa; billi n-nuqqas ta' nisa fl-iżvilupp tal-IA mhux biss iżid ir-riskju ta' preġudizzju, iżda jċaħħad ukoll lill-UE minn talent, viżjoni u riżorsi, u għalhekk huwa ostaklu għall-innovazzjoni;

1. Iqis li l-IA għandha potenzjal kbir ħafna biex tippromwovi l-ugwaljanza bejn is-sessi, dment li jiġu eliminati l-preġudizzju konxju u l-preġudizzju mhux konxju; jenfasizza l-ħtieġa li l-IA tirrispetta l-prinċipji u l-valuri tal-ugwaljanza u tan-nondiskriminazzjoni bejn in-nisa u l-irġiel; jenfasizza, barra minn hekk, l-importanza ta' approċċ ibbażat fuq ir-riskju u ta' monitoraġġ kontinwu ta' algoritmi kemm eżistenti kif ukoll ġodda;

2. Jitlob politiki mmirati lejn iż-żieda fil-parteċipazzjoni tan-nisa fl-oqsma relatati max-xjenza, it-teknoloġija, l-inġinerija u l-matematika (STEM) u l-IA, u l-adozzjoni ta' approċċ b'diversi livelli biex jiġi indirizzat id-distakk bejn is-sessi fil-livelli kollha tal-edukazzjoni u tal-impjiegi fis-settur diġitali;

3. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jqisu l-IA mill-perspettiva tal-ġeneru meta jiżviluppaw il-politika u l-leġiżlazzjoni, u, jekk ikun meħtieġ, jadattaw il-leġiżlazzjoni attwali, inklużi l-programmi tal-UE;

4. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jfasslu miżuri ta' politika li jinkorporaw bis-sħiħ id-dimensjoni tal-ġeneri, bħal kampanji ta' sensibilizzazzjoni, taħriġ u kurrikuli, li għandhom jipprovdu informazzjoni liċ-ċittadini dwar kif l-algoritmi joperaw, u l-impatt tagħhom fuq il-ħajja ta' kuljum taċ-ċittadini;

5. Jenfasizza l-importanza tal-iżvilupp u l-użu ta' applikazzjonijiet tal-IA fis-settur

edukattiv, kulturali u awdjoviżiv fil-ġbir ta' data aktar preċiża u diżaggregata skont issess, u l-applikazzjoni ta' tekniki moderni ta' tagħlim awtomatiku għall-eliminazzjoni tal-preġudizzji, jekk ikun hemm bżonn, biex jiġi jitneħħa l-preġudizzju abbażi tal-istereotipi, li jista' jkollu impatti negattivi;

6. Jenfasizza l-ħtieġa li jkun hemm diversi timijiet ta' żviluppaturi u inġiniera li jaħdmu flimkien mal-atturi ewlenin fis-settur edukattiv, kulturali u awdjoviżiv, biex il-preġudizzji bbażati fuq il-ġeneru u l-kultura jinżammu milli jiġu inklużi b'nuqqas ta' attenzjoni fl-algoritmi, fis-sistemi u fl-applikazzjonijiet tal-IA.